MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11

Il-Hamis 25 ta' Settembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Ufficċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Paul Bongailas - Kunsillier
Maria Sultana- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

11.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

***Ittra mingħand is-Sur Vince Bongailas biex jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' mard***

11.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

11.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Awwissu 2018.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Paul Bongailas

11.3 A1 **Komunikazzjoni mis-Sindku : Punti mis-seduta precedent ( Seduta 10)**

(Punt 10.3.B4 mis-seduta preċedenti )Is-Seg Eżek reġgħet qajmet il-punt fuq il-kwistjoni tal-berġa u l-librerija u l-kera li fil-preżent il-kunsill qiegħed iħallas dan wara matul l-istess xahar kien hemm taħdidiet b'emails bejn il-kunsilliera kollha u ġie deċiż bi 3 voti kontra 2 illi l-berġa / librerija għandha tiġi mmexxija fl-IT Centre sakemm l-istess Kunsill ikollu risposta formali bil-miktub mingħand l-awtoritajiet ikkonċernati rigward devoluzzjoni fuq garaxxijiet biswit il-Kunsill u ma jiġi iffirmat l-ebda kuntratt ma' sid il-kera tal-present.

Fl-istess ħin is-Sur Pawlu Bongailas issuġġerixxa waqt din is-seduta illi il-kuntratt għandu jiġi iffirmat ma' sid il-kera biex b'hekk ir-residenti jibqa' jieħdu s-servizz li dejjem ħadu b'mod eċċelenti mingħajr problemi ta' xejn kif ukoll il-Kunsill jiġġieled għal fondi mingħand il-health kif ukoll l-edukazzjoni biex b'hekk il-Kunsill ma jkunx qed joħroġ kapital fenominali meta qed jingħata servizz fi ħdan dawn id-direttorati fl-ahhar mill-aħħar u tinqasam il-kirja.

Is-Sur Bruno qabel ma dak li ssuġġerixxa s-Sur Bongailas waqt din is-seduta.

Is-Sinjura Sultana qalet illi hi taqbel biss li l-affarijiet għandom isiru skond il-liġi li dan ifisser illi l-Kunsill għandu jiffirma l-kuntratt avolja hi konxja illi din mhux l-aħjar ghazla għal Kunsill Lokali Kalkara.

Is-Sinjura Sindku baqgħet tisħaq illi hi ma taqbilx li jiġi ffirmat il-kuntratt u li l-Kunsill għandu jibqa' jsostni biex jieħu d-devoluzzjoni f'idejh u li matul dan l-istess xahar il-komunikazzjoni bejn il-kunsilliera ma kinitx dik issuġġerita mis- Sur Bongailas illum waqt din is-seduta u kull min qed jaqbel qed imur kontra dak li diġa ġie deċiż u kif kien miktub fl-emails li intbgħatu.

Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop riedet tamilha ċara illi hi ma taqbilx mal-proposta tat-tiġdid, la darba ma' kellnix konferma bil-miktub li ser jingħataw id-differenza tal-flus għal kirja, mill-Gvern Ċentrali (Ministeru ~konċernat). Dan minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja u għaliex ma kienx maħsub li jkun hemm spiża addizzjonali fil-budget għal din is-sena.

Minkejja dan, la darba hemm deċiżjoni demokratika tal-kunsill, ser tkun qed timxi magħha u tirrifferma l-pożizzjoni tiegħi li ser nara li l-ammont dovut iżjed milli kien qabel, jiġi rekuperat b'xi mod. Hija ser tkun qed tagħmel laqgħat mal-ministeru tal-edukazzjoni kif ukoll ma' dak tas-saħħa

A2 ( Punt 10.4.A2 mis-seduta preċedenti) Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi fil-jiem li ġejjin is-Seg Eżek ser tkun torganizza meeting mal-kunsilli kollha involuti li s'issa diġa taw konferma tagħhom u wrew interess fl-avveniment diskuss f'seduta preċedenti. Għal dan il-meeting irid ikun preżenti ukoll l-organizzatur is-Sur Roderick Attard. L-avveniment bl-isem ta l-ġostra ser ikun avveniment konġunt mal-Kunsilli tal-Kottonera u l-Kalkara

A3 (Punt 10.3.A 9.3.A1) mis-seduta preċedenti) Is-Seg Eżek infurmat il-kunsilliera li l-'bye law' fuq ix-Xewkija ġiet iffinalizzata minn naħa tal-avukat tal-kunsill u ser tkun qed tintbgħat għal darboħra lill-kunsilliera biex tinqara u forsi jintbgħatu żieda ta' punti / suġġermineti minn naħa tagħhom jekk ikun hemm bżonn fil-jiem li ġejjin.

A4 ( Punt 10.3B3 mis seduta precedent ) Is-Seg Eżek infurmat il-Kunsill illi l-kuntrattur li qiegħed jiġbor il-ħwejjeġ 'door to door' irid ukoll ipoġġi 'clothes bins' fil-Kalkara bħal ma diġa hemm impoġġijin minn kuntrattur differenti.
Il-Kunsill qabel unanimament illi għandu jitpoġġa clothes bin fl-akwata tal-Kunsill mill-kuntrattur li għandu diġa' il-bins fil-lokal dan biex wieħed ma jidħolx fuq l-ieħor u kulħadd ikun moqdi minn naħa tat-tnejn.

A5 ( Punt 10.4C1 mis seduta precedent) Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il Kunsill illi gie il kuntrattur li ser ikun qed jahdem go tarag san guzepp fil jiem li gejjijn. Hija qalet ukoll illi larea ser tkun qed tinalaq temporanjament habba is sigurta tan nies habba ragunijiet ovvji. Lunika access li ser ikun hemm huwa dak ghal dik ir resdienza li qeda go listess tarag.

11.3 B - Korrespondenza

B1 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi hemm bżonn jiġi approvat l-estenzjoni tal-leave tas-Seg Eżek ( 96 –il siegha )bħal kull sena għas-sena 2019 bl-approvazzjoni tad-dipartiment.

Il-Kunsill qabel unanimament rigward il-punt imsemmija hawn fuq mis-Sinjura Sindku.

B2 Il-kunsill qabel unanimament għadha tiġi pprintjata sticker biex tintbgħat f'kull residenza l-Kalkara b'informazzjoni ta' kif ser ikunu qed jinġabru l-boroż differenti hekk kif ġie stipulat mill-Wasteserv wara tibdil li kien hemm f'kull lokalita biż-żieda tal-kollezjoni tal-iskart organiku.

B3 Il-Kunsill qabel unanimament illi hekk kif ġie infurmat l-istess Kunsill mill-assoċċazzjoni tal-Kunsilli għandhom jibdew jiġu mħallsa l-kontijiet tad-dawl u l-ilma biex b'hekk ir-residenti ikollom servizz ieħor minn ġo l-uffiċini tal-Kunsill Lokali Kalkara.

B4 Il-Kunsill qabel unanimament illi għandha tintbgħat rikjesta formali lit-TM bħal dejjem fuq rikjesta ta' resident li għandu problema biex joħroġ mill-garage personali tiegħu ġewwa Triq l-Għassieli.

L-istess Kunsill saħaq illi jekk it-TM jiddeċiedi li jħassar xi parkeġġi għandhom jitħassru biss dawk ta' quddiem dan il-garaxx u mhux il-parkeġġi kollha biex ħadd ma jkun deterent għal ħaddieħor fin-nuqqas ta' spazju ta' parkeġġi fl-istess triq.

B5. Il-kunsill qabel unanimament mal-kors tal-ecdl issuġġerit mis-Sur Ray Abela direttur tal-kumpanija TCTC biex jerġa' jingħata għal sena oħra minn ġewwa l-IT centre tal-istess Kunsill b'xejn għar-residenti Kalkarizi.

B6 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill dwar programm televiżiv li ser jibda' jixxandar minn Ottubru 2018 fejn ser jiġu mistiedna Kunsilli Lokali biex jikkompetu b'mistoqsijiet ġenerali fuq il-lokalitajiet tagħhom kif ukoll affarijiet varji.

Il-Kunsill talab lis-Seg Eżek ittella notifika fuq fb biex jekk ikun hemm min hu interessat li jmur, jinfurmana kif ukoll il-kunsilliera kellhom jagħtu r-risposti tagħhom jekk iridux jieħdu sehem jew le.

B7 Il-Kunsill qabel unanimament biex tiġi mibgħuta email it-TM bħal dejjem skond il-proċedura biex titwaħħal barriers / ballards ġewwa Triq il-Ġenista wara rikjesta ta' residenti li għandhom bitħa li tiġi taħt it-triq imsemmija fejn ġarrbu ħsarat estensivi wara li trakk baqa dieħel fiċ-ċint bil-konsegwenza li l-ġebel baqgħu neżlin ġol-bitha tagħhom. Dan il-każ kien irrapurtat il-pulizija u s-sewwieq tal-van li ħoloq il-ħsarat irranġa ċ-ċint minnufh. L-istess Kunsill għamel enfażi biex il-barriers / ballards jitweħħlu b'mod illi l-passaġġ ikun tajjeb għal siġġijiet tar-roti kif ukoll 'pushchairs' li jkunu għaddejjin fuq l-istess bankini bħas-soltu.

B8 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar arranġamenti li għamlu l-assoċjazzjoni tal-Kunsill mal-awtorita' tas-saħħa fir-rigward ta' l-għotja tad-demm fil-lokalitajiet.

Is-Sinjura Sultana saħqet illi hi kienet diġa għamlet kuntatt mal-istess awtorita' dirett biex għal okkażżjoni ta' Jum il-Kalkara jinġieb 'blood donation' van pero sfortunatament l-istess awtorita' sal-aħħar ta' din is-sena hija 'fully booked'. Is-Sinjura Sultana saħħqet illi xorta waħda fl-okkażżjoni ta' Jum il-Kalkara ser tkun qed tissuġġerixxi li l-Kunsill jipprovdi transport b'xejn għal dawk ir-residenti li jridu jkunu parti minn din l-inizjattiva tant ġusta biex b'hekk jitwasslu f'post ( għadu jrid jiġi ikkonfermat) biex ikunu jistgħu jagħtu d-demm.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sinjura Sultana.

B9 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill talba formali li għamel is-Sur Gambin direttur u fundatur ta' business fil-lokal rigward kiri ta' charters fejn l-istess Kunsill diġa tah tempornjament permess għal 'mobile office' kif kien talab hu oriġinarjament pero issa dan l-istess individwu qed jirrikjedi permess fiss dan wara li spjega lis-Sindku u lis-Seg Eżek li l-business kiber ferm kif ukoll business oħra fil-lokal qed igawdu mit-turisti li qiegħedin jibbukjaw charters minn għandu.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsirlu kuntratt / permessi għal sena b'sena dan wara li s-Sur Viċi Sindku Chris Bruno saħaq illi m'huwiex tajjeb li jimponu kuntratt itwal minħabba l-fatt li ġejja elezzjoni tal-kunsilli u forsi Kunsill ieħor ma jkunx irid jġedded jew ma jaqbilx ma' din id-deċiżjoni.

Fuq nota oħra s-Sur Gambin saħaq illi hu ħa ' kamra ' skond il-liġi b'tender mill-lands department in-naħa tax-Xewkija u qed jisuġġerixxi u offra li jirranġa l-area għas-spejjeż tiegħu biex ikun jista' jamministra l-area anka b'laneċ tal-lokal.

Il-Kunsill saħaq illi dik l-area hija inkluża fil-proġett kapitali kif ukoll taqa taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill. Il-Kunsill saħaq illi s-Sur Gambin irid jitkellem mal-awtoritajiet ikkonċernati speċjalment dawk li huma involuti fil-proġett kapitali u jisuġġerixxi lilhom dirett dak li għandu f'moħħu pero l-art tibqa' tgħajjat il-Kunsill Lokali Kalkara bħal ma dejjem kienet tagħmel.

11.3c Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar laqgħa li saret aktar kmieni dan ix xahar mal-awtoritajiet tal-mepa kif ukoll il-perit tal-kunsill fuq proġett kapitali li ser isir mill-fondi tal-Mepa fuq blokka privata f'Misraħ Arċisqof Gonzi. Għal din l-laqħa kien hawn ukoll residenti li joqgħodu ġo l-istess blokka li taw is-suġġerimenti / kummenti tagħhom biex il-perit ikollu bażi fuq xix jaħdem kif ukoll jiġu inklużi dak kollu li intqal waqt din l-istess laqa.

11.3d Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar bosta ilmenti li irċeviet inklużi xi kummenti fuq il-fb page rigward il-ħruq tan-nar li qed isir minn naħa tal-Kalkara għal festi mhux ta' dan il-lokal. Karti taru għal fuq in-nies għadom jinħarqu kif ukoll fuq ħafna bjut f'ċerti inħawi.

Is-Sur Bongailas wera wkoll ritratti bħala prova fuq il-punt imsemmi hawn fuq.

Il-Kunsill qabel unanimament illi man-'no objection' li joħroġ il-Kunsill għandu jkun hemm ċerti ristrezzjonijiet għaliex wara kollox ir-residenti tal-lokal għandom iħossuwom siguri ġo darhom anka minħabba rigward ta' 'health and safety'. Il-pulizija u t-Transport Malta għandom ukoll ikunu jafu b'dak li ġara biex meta jinħargu l-permessi minn naħa tagħhom ikun hemm ukoll restrizzjonijiet.

11.3.e. Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill wara anka lmenti minn naħa tagħhom stess illi l-ġbir tal-iskart qed jinġabar fil-ħin kif suppost dan wara illi l-kuntrattur dan l-aħħar kien qiegħed jittardja fil-ħin tal-istess kollezzjoni.

Il-kunsilliera saħħqu illi xorta hemm affarijiet minn naħa tal-kuntrattur li għadom m'humiex qiegħdin skond il-liġi speċjalment li ma jinġabarx l-iskart minn ġo Sqaq l-Ixprunara.

Is-Sinjura Sultana kompliet tisħaq u tagħmel enfażi illi l-kuntrattur għandu jiġi imwissi mill-Kunsill għal darb'oħra fuq ħafna affarijiet oħra speċjalment fuq il-fatt illi l-borza tagħha għadha mhux qed tinġabar, fuq il-fatt illi ma jinġabarx dak li jaqa' minn ġol-boroż meta jkun qed jiġbor, strada San Mikiel tintesa mhux darba u tnejn u anke affarijiet oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandna tintbgħat ittra f'kull residenza għal l-aħħar darba bil-ħinijiet tal-kollezjoni kif ukoll biex in-nies jiġu nfurmati li dalwaqt ser ikun hawn enfurzar b'multi fil-lokal minn naħa tal-Cleansing u l-'green wardens' biex ħadd ma jkollu skużi.

11.3.f Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar bosta lmenti li rċeviet wara li tneħħiet l-iskip il-ħadra minn Triq is-Sibi. Hija infurmat il-kulħadd illi inqala' kjas kbir dan wara l-istess residenti tal-inħawi kienu urtati li l-'housing estate' tan-naħa tagħhom biss spiċċat bla skip għal konvenjenza tagħhom. Hija ukoll qalet illi resident partikulari saħaq illi hemm bżonn illi din l-iskip terġa tiġi fejn kienet kif ukoll jiżdiedu l-'bring in sites' magħha.

Il-Kunsill oġġezzjona għas-suġġerimenti ta' hawn fuq il-għaliex l-ispazju huwa ristrett u m'hemmx fejn tagħmel dak li hu mitlub kif ukoll l-istess residenti li jridu kemm l-iskip kif ukoll il-'bring in sites' huma l-istess nies li ma jriduwiex wara / quddiem il-bieb tagħhom ħabba raġunijiet ovji.

Is-Sinjura Sultana żiedet tgħid illi fil-fehma tagħha l-'bring in sites' li hemm fi Triq is-Sienja għandom jitkabbru dan minħabba l-fatt illi l-iskola tagħmel użu minnhom ħafna drabi.

Is-Sur Bruno saħaq illi jekk jitkabbru ser jingħalaq l-aċċess fuq il-bankina. Huwa qal illi minflok jitkabbru tajjeb illi tintbgħat e-mail il-'greenpak' biex b'hekk it-tbattil tagħhom ma jkunx biss darba fil-Ġimgħa kif isir fil-preżent imma jkun hemm imqar darb'oħra.

11.3.g Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-kunsill dwar ħarġiet li ser tkun qed torganizza f'isem il-Kunsill bħas-soltu fil-jiem li ġejjin:

Ħarġa għal irġiel

Ħarġa għal anzjani u familja

11.3.h Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-kunsill kollhu illi fil-jiem li ġejjin ser tkun qed tibgħatilhom applikazzjoni bl-isem anzjan tas-sena fl-eventwalita' li xi ħadd minnhom ikun irid jinnomina lil xi ħadd bħas-snin li għaddew.

## 11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

A Il-Viċi Sindku- Christopher Bruno

A1 Is-Sur Bruno saħaq illi hemm bżonn jinsab is-sid tal-għelieqi li hemm ġewwa Triq Straubenzee k/m Missjoni Taljana biex itella ċint għoli kif stipulat mill-liġi dan wara li n-nies qiegħdin jitfaw skart goff ġo dawn l-istess għeliqi bil-konsegwenza li l-area qed tidher maħmuġa u abbandunata. L-istess każ qed jiġri fl-area imsejħa taċ-ċumnija.

Is-Sur Bruno ser ikun qed jibgħat ritratti bħala prova tal-punt imsemmi minnu stess.

A2 Is-Sur Bruno staqsa lis-Seg Eżek jekk tistax tfittex ftit xi fondi available fil-preżent biex jitwaħħlu 'cameras' ma kull skip peress li l-abbużi qed jiżdiedu flok jitnaqqsu. Huwa issuġġerixxa li tintbgħat email formali lill-Onorevoli Herrera fuq dan il-punt. Is-Seg Eżek kompliet tgħid illi dan is-suġġeriment jista' jiġi imdaħħal fit-tender tal-ġbir tal-iskart meta jkun wasal il-waqt biex il-kuntrattur ikun obbligat iwaħħalom hu mal-iskips li jkun ser jipprovdi.

11.4.B Il-Kunsilliera- Maria Sultana

B1 Is-Sinjura Sultana saħħqet illi hemm bżonn illi l-Kunsill jara x'ser jagħmel bil-latrina tax-Xatt dan minħabba l-fatt illi tindif filgħodu mhux biżejjed kif ukoll il-fatt li ma jkunx hemm attendant. In-nies qed jidħlu u jagħmlu li jridu fosthom abbużi ta' drogi u ħafna aktar. Hija saħħqet li hemm bżonn jinħareġ tender biex tittieħed f'idejn kuntrattur u jkun hu responsabbli minn kollox minħabba li l-Kunsill m'għandux impjegati apposta biex jagħmlu dan.

Is-Sindku qalet illi din il-latrina hija inkluża fil-proġett kapitali u ta' min wieħed jistenna l-konferma li l-proġett ser isir li fil-jiem li għaddew membri parlamentari tagħha x'tifhem illi fil-budget li jmiss ser ikun inkluż.

B2 Is-Sinjura Sultana issuġġerit li ssir 'bye law' biex tintuża meta jinħargu l-permessi tal-bbqs mill-Kunsill stess għal fuq is-simenta n-naħa tal-bajja ta' Rinella, dan wara illi hija kienet taf bl-ammont ta' bbqs li saru dan is-Sajf fejn il-Kunsill seta' jiġbor ammont sostanzjali ta' flus mill-permessi stess skond il-liġi.

B3 Is-Sinjura Sultana talbet li s-Seg Eżek flimkien mal-ħaddiema ta' manutenzjoni biex tiċċekja l-'parking bays' ta' ġo Triq iż-Żebbuġ peress li kelmuha xi nies u qaluli li qiegħdin wisq kbar u jistgħu jidħlu aktar postijiet għal parkeġġ.. fl-istess ħin is-Sinjura Sultana saħqet li persuna partikolari kelmita li hi ma tistax toħroġ mill-garaxx personali tagħha u għandha bżonn li jitneħħew il-parkeġġi miżbgħuin quddiem dan l-istess garaxx. Is-Sindku ikkonfermat li din l-istess persuna kellmet lilha u kienet diġa' bagħtet dan l-ilment it-TM fejn sa issa għadna ma irċevejniex formalment minn naħa tagħhom biex dawn jitneħħew. Ser tkun qed tibgħat email ta' tfakkira lill-TM fuq dan il-każ.

11.4C Il-Kunsillier- Vince Bongailas

C1 Il-Kunsill qabel unanimament illi l-punt imsemmi fl-aġenda mis-Sur Bongailas għandu jiġi ippostponut u diskuss meta l-istess Sur Bongailas ikun preżenti. Dan il-punt rigward id-dgħajjes ta' quddiem ir-regatta għandu jerġa' jiġi imniżżel fis-seduta li jmiss la darba s-Sur Bongailas ikun preżenti.

11.4d Il-kunsillier Paul Bongailas

D1 Is-Sur Bongailas saħaq illi l-Kunsill irid jieħu azzjoni rigward in-nuqqas ta' parking speċjalment fil-weekend ġo Triq Luigi Pisani. Din il-kwistjoni ilha tiġi diskussa mill-istess Kunsill u saru meeting ma' terzi persuni fosthom membri parlamentari pero sal-preżent ħadd s'issa għadu ma' ittihdietx azzjoni. L-istess Sur Bongailas qed jisuġġerixxi il-Kunsill illi fil-'weekends' għandhom jinħargu 'no parkings' fl-area ta' quddiem il-Kunsill bl-arma tal-Kunsill kif ukoll jingħataw passes għar-residenti biex b'hekk huma ikollhom fejn jipparkjaw b'mod temporanju sakemm xi ħadd mill-awtoritajiet jigwida aħjar il-Kunsill x'jista' jsir għal benefiċċju tar-residenti li joqgħodu fl-inħawi dan wara illi l-parking kellu jkun miftuħ dejjem għal konvenjenza ta' kulħadd.

Il-maġġoranza tal-Kunsill qabel mas-suġġeriment imsemmi hawn fuq filwaqt

illi s-Sindku baqgħet tisħaq illi l-affarijiet għandom isiru skond il-liġi.

D2 Is-Sur Bongailas informa l-Kunsill li ser ikun qiegħed joħroġ l-applikazzjoni għan-nominazzjonijiet ta' Jum il-Kalkara bħas-snin preċedent bħala 'chairman' rigward Jum il-Kalkara.

Huwa saqsa formalment il-kunsilliera jekk ir-rappreżentanti humiex ser jibqgħu l-istess bħas-snin ta' qabel. Il-Kunsill ikkonferma li ser jibqgħu l-istess nies innominati minn naħa tagħhom is-sena l-oħra.

Is-Sur Bongailas ġab kunsens mingħand kulħadd biex l-Innu tal-Kalkara jiġi kantat minflok mużika biss mill-Kunsill kollu.

## 11.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

11.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 9.18 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 11.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 11.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

11.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru 2018 fil 4:00 p.m. u spiċċat fis 6:30 Ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 25 ta' Settembru 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |